# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Kawza Numru: 26**

**Citaz. Nru. 939/97GV**

Doc. 125-01

**Marisa Bartolo**

**-vs-**

**Carm Lino Farrugia f'ismu propju w ghan-nom w in rappresentenza tal-Ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-Ghaqda konvenuta "L-Ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti" harget stqarrija datata d-19 ta' Dicembru, 1996, hawn ezebita u mmarkata *Dokument A* u ffirmata mill-konvenut Carm Lino Farrugia, liema stqarrija ghandha silta li tghid:

"*L-Ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti tixtieq tifrah pubblikament lil Marisa Bartolo (WPS 45) ghas-success taghha fl-ahhar "Fur and Feather Show" fejn akkwistat il-maggor parti tal-premjijiet bl-ghasafar li resqet ghall-wirja."*

*Fl-istess hin L-Ghaqda tikkundanna wkoll pubblikament il-fatt li mijiet ta'*

*ghasafar tal-ghana li gew ikkonfiskati mill-istess WPS 45 qatt ma gew irritornati lura lil sidhom minkejja li l-istess Nassaba gew ezonerati mill-qrati ta' pajjizna. L-ghasafar qatt ma nsatabu gol-mahzen tas-settur relattiv tad-Dipartiment tal-Ambjent. Il-kumpens lin-nassaba kien hafna drabi wiehed ta' flus il-poplu.*

*L-ghaqda dejjem imxiet b'mizien wiehed."*

Premess illi din l-istqarrija giet imqassma lill-gazzetti u xi mezzi ta' xandir iehor u fil-fatt inqrat fl-ahbarijiet tas-Super 1 Televison;

Premess illi dawn il-kliem sia fl-assjem taghhom sia separatament, huma ingurjuzi, libelluzi u malafamati ghar-reputazzjoni tal-attrici u jikkawzawlha danni' in kwantu fost affarijiet ohra jattribwilha fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u r-reputazzjoni taghha u bl-iskop li jwaqqaghha ghad-disprezz tal-pubbliku in kwantu jinsinwaw fost affarijiet ohra li b'xi mod kienet responsabbli ghall-fatti illi l-ghasafar li gew konfiskati qatt ma nstabu gol-mahzen tas-settur relattiv tad-Dipartiment tal-Ambjent;

Premess illi konsegwentament l-istanti bhala parti offiza ghandha dritt ghad-danni kif kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

L-attrici talbet lil din il-Qorti:

1 tiddikjara u tiddeciedi billi l-konvenuti proprio et nomine taw malafama lill-attrici bl-istampat irreferit sia fl-assjen tieghu, sia separatament, bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha u jwaqqghu ghad-disprezz tal-publiku.

2 tikkundanna konsegwentament lill-konvenuti proprio et nomine flimkien jew min minnhom ihallsu lill-attrici dawk id-danni li jigu minn din il-Qorti likwidati ghal dan l-iskop u dan ghat-tenur tal-Kap 248 tal-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta'

Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti proprio et nomine.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Carm Lino Farrugia a fol. 23 fejn eccepixxa:

1. Illi in linea preliminari l-azzjoni attrici migjuba fil-konfront ta' l-eccipjent hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 248 tal-Ligi dwar l-Istampa u ta' l-Artikolu 2131 tal-Kodici Civili;

2. Illi ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u wkoll in linea preliminari, din il-kawza ghandha titqies bhala dezerta ai termini ta' l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

3. Illi ulterjorment u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici fil-konfront ta' l-Ghaqda Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti, hija improponibbli in kwantu din l-Ghaqda llum hija maghrufa bhala l-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti;

4. Illi inoltre', l-eccipjenti m'ghandux ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja ta' l-imsemmija Federazzjoni;

5. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-istqarrija *de quo* tikkontjeni biss fatti ta' nteress pubbliku generali, u l-eccipjenti huwa lest li jipprova l-verita' ta' l-istess fatti, kemm fis-sostanza kif ukoll fil-fatt;

6. Illi jsegwi ghalhekk illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u

ghandhom jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attrici;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lil Avukat difensur tal-konvenut jittratta l-ewwel eccezzjoni;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti (ara verbal a fol. 35). Fil-fatt pero' skond il-verbal a fol. 34 il-kawza kienet thalliet ghat-trattazzjoni ghat-28 ta' Mejju, 2001 fuq l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. F'dik id-data fil-fatt Dr. Frendo ittrattat l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Ghalhekk il-Qorti ser tiddeciedi din l-eccezzjoni.

Fl-ewwel eccezzjoni l-konvenut Farrugia eccepixxa preliminarjarment li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 32 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-Istampa u l-art. 2131 tal-Kap 16.

Fil-kaz ta' preskrizzjoni ta' atti, **att gudizzjarju** jinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk jigi notifikat wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni, *purche'* n-notifika ssir mhux aktar tard minn xahar mill-gurnata ta' l-iskadenza taz-zmien.

Meta l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni ssir **b'domanda gudizzjali**, hija ugwalment applikabbli r-regola illi n-nuqqas ta' notifika ma tiffirmax l-effetti ta' l-interruzzjoni (PA Borg vs Nicolle 5.12.35 Vol. 29 p.2 p. 828).

Ghalhekk trid issir distinzzjoni bejn l-att rinnovattiv ta' l-azzjoni u l-att esekuttiv taghha, ghal dak li jirrigwarda n-notifika taz-zewg atti. Dak l-att gudizzjarju ez. ittra ufficjali, jinterrompi l-perjodu tal-preskrizzjoni li jkun ghaddej u jirrinova d-dritt ta' azzjoni tal-kreditur, b'mod illi l-perjodu preskrittiv ghall-attwazzjoni ta' l-azzjoni jerga' jibda ghaddej minn dak inhar. Meta mbaghad l-azzjoni tkun giet ezercitata, wiehed ma jistax jitkellem aktar fuq il-preskrizzjoni tad-dritt ghall-azzjoni gudizzjali. Ghalhekk l-azzjoni ezercitata ma tistax tigi preskritta ghax l-azzjoni tkun giet ezercitata.

Fil-kaz in ezami l-istqarrija nkwistjoni hi datata 19 ta' Dicembru, 1996 u l-azzjoni giet prezentata fit-28 ta' April, 1997 entro t-terminu ta' sena previst mill-artikolu 32 tal-Kap 248. Ghalhekk l-azzjoni ta' l-attrici mhiex preskritta kif qed jippretendi l-konvenut.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddiferixxi l-kawza ghat-trattazzjoni tat-tieni eccezzjoni ghat-13 ta' Novembru, 2001, did-9.45 a.m. bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**